

**Dispożittiv**

- 1) Ma hemmx iżjed lok li tingħata deċiżjoni dwar il-kumpens pekunjarju marbut mad-deċiżjoni tas-17 ta' Ottubru 2016 li permezz tagħha l-Uffiċċju "Infrastruttura u loġistika fil-Lussemburgu" (OIL) tal-Kummissjoni Ewropea xolja l-kuntratt ta' ingaġġ ta' UG.
- 2) Il-Kummissjoni għandha tbat, minbarra l-ispejjeż rispettivi tagħha, nofs l-ispejjeż ta' UG. UG għandha tbat nofs l-ispejjeż rispettivi tagħha.

(<sup>1</sup>) ĠU C 357, 23.10.2017.

**Digriet tal-Qorti Ġenerali tat-30 ta' Ottubru 2020 – Gáspár vs Il-Kummissjoni**

(Kawża T-827/19) (<sup>1</sup>)

*(“Rikors għal annullament – Servizz pubbliku – Trasferiment tad-drittijiet għall-pensjoni nazzjonali – Ilment imressaq wara l-iskadenza tat-terminu ta' tliet xhur previsti fl-Artikolu 90(2) tar-Regolamenti tal-Persunal – Assenza ta' żball skużabbli – Inammissibilità manifesta”)*

(2021/C 19/52)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

Rikorrent: Norbert Gáspár (Mensdorf, il-Lussemburgu) (rappreżentanti: R. Wardyn, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: B. Mongin u M. Brauhoff, aġenti)

**Suġġett**

Talba bbażata fuq l-Artikolu 270 TFUE u intiża għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Uffiċċju “Amministrazzjoni u Ħlas tal-Intitolamenti Individwali” (PMO) tal-Kummissjoni tat-23 ta' Mejju 2018 li tikkonferma t-trasferiment lill-iskema tal-pensjoni tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea ta' drittijiet għall-pensjoni miksuba mir-rikorrent qabel id-dħul tiegħu fis-servizz tal-Unjoni.

**Dispożittiv**

- 1) Ir-rikors huwa miċħud bħala manifestament inammissibbli.
- 2) Norbert Gáspár huwa kkundannat għall-ispejjeż.

(<sup>1</sup>) ĠU C 61, 24.2.2020.

**Digriet tal-Qorti Ġenerali tad-19 ta' Novembru 2020 – Buxadé Villalba et vs Il-Parlament**

(Kawża T-32/20) (<sup>1</sup>)

*(“Rikors għal annullament – Dritt istituzzjonali – Membru tal-Parlament – Rikonoxximent mill-Parlament tal-elezzjoni bħala deputati Ewropej ta' żewġ rappreżentanti eletti Spanjoli – Locus standi ta' tliet deputati Ewropej oħra – Nuqqas ta' inċidenza diretta – Talba intiża li tikseb sentenza dikjaratorja – Rikors parzjalment inammissibbli u parzjalment ippreżentat quddiem qorti manifestament mingħajr ġurisdizzjoni sabiex tismagħha”)*

(2021/C 19/53)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

**Partijiet**

Rikorrenti: Jorge Buxadé Villalba (Madrid, Spanja) María Esperanza Araceli Aguilar Pinar (Madrid), Hermann Tertsch Del Valle-Lersundi (Madrid) (rappreżentant: M. Castro Fuertes, avukat)

Konvenut: Il-Parlament Ewropew (rappreżentanti: N. Görlitz u C. Burgos, aġenti)

### Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tar-rikonoxximent mill-Parlament tal-elezzjoni bħala deputati Ewropej ta' Carles Puigdemont i Casamajó u Antoni Comín i Oliveres, imħabbra mill-President tal-Parlament f'seduta plenarja tat-13 ta' Jannar 2020.

### Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud parzjalment bħala inammissibbli u parzjalment bħala ippreżentat quddiem qorti manifestament mingħajr ġurisdizzjoni sabiex tismagħha.
- 2) Ma hemmx iktar lok li tingħata deċiżjoni dwar it-talbiet għal intervent tar-Renju ta' Spanja u ta' Carles Puigdemont i Casamajó u Antoni Comín i Oliveres.
- 3) Jorge Buxadé Villalba, Hermann Tertsch Del Valle-Lersundi u María Esperanza Araceli Aguilar Pinar għandhom ibatu, minbarra l-ispejjeż tagħhom, dawk sostnuti mill-Parlament Ewropew.
- 4) Ir-Renju ta' Spanja, C. Puigdemont i Casamajó u A. Comín i Oliveres għandhom ibatu l-ispejjeż relatati mat-talbiet rispettivi tagħhom għal intervent.

(<sup>1</sup>) ĠU C 77, 9.3.2020.

### Digriet tal-Qorti Ġenerali tad-29 ta' Ottubru 2020 – Isopix vs Il-Parlament

(Kawża T-163/20) (<sup>1</sup>)

*(“Rikors għal annullament u għad-danni – Kuntratti pubbliċi għal servizzi – Proċedura ta' sejħa għal offerti – Provvista ta' servizzi fotografiċi – Ċaħda tal-offerta ta' offerent u għoti tal-kuntratt lil offerent ieħor – Annullament tal-proċedura tal-għoti ta' kuntratt – Telfien parzjali tal-iskop tal-kawża – Parzjalment ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni – Ordni – Rikors parzjalment ippreżentat quddiem qorti li manifestament tonqosha l-ġurisdizzjoni sabiex tiegħu konjizzjoni tiegħu”)*

(2021/C 19/54)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

### Partijiet

Rikorrenti: Isopix SA (Ixelles, il-Belġju) (rappreżentanti: P. Van den Bulck u J. Fahner, avukati)

Konvenut: Il-Parlament Ewropew (rappreżentanti: K. Wójcik u E. Taneva, aġenti)

### Suġġett

Minn naħa, talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Parlament tal-24 ta' Marzu 2020 li tiċħad l-offerta ppreżentata mir-rikorrenti fil-kuntest tas-sejħa għal offerti COMM/DG/AWD/2019/854, intitolata “Provvista ta' servizzi fotografiċi – Kopertura fotografika tal-attwalità u tal-attivitatiet istituzzjonali tal-Parlament Ewropew”, u li tinformaha bl-għoti tal-kuntratt lil offerent ieħor, u tal-ittra tal-Parlament tas-17 ta' April 2020 li tinformaha biċ-ċaħda tal-offerta tagħha għall-kuntratt pubbliku COMM/DG/AWD/2019/854 peress li hija ma kinitx tissodisfa l-kriterji ta' selezzjoni li jikkonċernaw il-kapaċità finanzjarja u ekonomika u, min-naħa l-oħra, talba bbażata, prinċipalment, fuq l-Artikolu 266 TFUE u intiża sabiex il-Parlament jiġi ordnat jeżamina mill-ġdid l-offerti u, sussidjarjament, fuq l-Artikolu 268 TFUE u intiża sabiex jinkiseb kumpens għad-danni allegatament subiti mir-rikorrenti.